MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 59/2008

Jeanine **KORFAN**, George Pisani, Richard u Mary Field u Joseph Romano

vs

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA** u l-Malta Environment & Planning Authority

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-22 ta’ Jannar, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent Carmelo *sive* Charles Briffa talab li din il-Qorti jogħġobha, għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, tordna t-tħassir tal-Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet hawn fuq imsemmija maħruġ fl-14 ta’ Jannar, 2008 (Mandat Numru 1879/07);

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati difensuri tal-intimati esekutati waqt is-smigħ tat-28 ta’ Jannar, 2008,

jiddikjaraw li l-patroċinati tagħhom ma kienx fi ħsiebhom iressqu Tweġiba formali għat-talba tar-rikorrent;

Semgħet id-dikjarazzjoni tal-avukati difensuri tal-intimati eżekutanti li biha irrilevaw li l-patroċinati tagħhom ma kinux ġew notifikati bir-rikors u li, f'kull każ, jirriżervaw il-pożizzjoni tagħhom hekk kif u meta ssir in-notifika xierqa;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Jannar, 2008, li bih ħalliet il-kawża għan-notifika u biex titressaq Tweġiba mill-intimati eżekutanti;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati eżekutanti fil-31 ta' Jannar, 2008, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għat-talba tar-rikorrent billi qalu li hu m'għandux il-jedd li jinqeda b'din il-proċedura ladarba hu ma kienx parti fil-Mandat in kwestjoni. Laqgħu ukoll billi qalu li r-raġunijiet li kienu wasslu lill-Qorti biex toħroġ il-Mandat fl-ewwel lok, għadhom jgħoddu sal-lum;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kolha tar-rikors u kif ukoll tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi;

Rat id-degriet tagħha tal-lum li bih ħalliet il-kawża għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi r-rikorrent Carmelo Briffa ressaq din il-proċedura biex jitlob it-tħassir ta' Mandat ta' Inibizzjoni li nħareġ minn din il-Qorti (diversament presjeduta) kontra l-intimat Kummissarju tal-Pulizija u l-intimata Awtorita' Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar;

Illi r-rikorrent iddikjara, fl-istess intestatura tal-att ġudizzjarju li bih beda din il-proċedura, li huwa kien qed isejjes it-talba tiegħu għall-finijiet tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-imsemmi artikolu 836(1) jagħmilha ċara li l-proċedura hemm maħsuba tista' titressaq minn dik il-persuna jew "l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju" kontrih. Ir-rikorrent Briffa ma nħariġx kontrih il-Mandat li b'din il-proċedura hu qed jitlob it-tħassir tiegħu;

Illi huwa minnu li, b'rikors imressaq minnu fit-2 ta' Jannar, 2008, fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-imsemmi Mandat, huwa kien talab li jitħalla jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu waqt is-smigħ li sar quddiem il-Qorti li kienet qiegħda tittratta t-talba għall-ħruġ tal-Mandat. Iżda dik il-Qorti, fid-degriet li bih ordnat il-ħruġ tal-Mandat fl-14 ta' Jannar, 2008, kienet qalet espressament li t-talba ta' Briffa biex jintervjeni fir-Rikors ma setgħetx tintlaqa' billi hu ma kellux *locus standi* f'dawk il-proċeduri;

Illi l-għaref difensur tar-rikorrent seħaq li r-rimedju mogħti fl-artikolu 836 tal-Kap 12 huwa miftuħ għal kull min iġarrab effetti bil-ħruġ tal-Mandat kawtelatorju li jkun, u mhux biss lil min kontrieh ikun inħareġ dak il-Mandat. Huwa jżid itenni li allaħares il-liġi kellha titfisser b'dan il-mod għaliex b'hekk tkun qiegħda ssir inġustizzja ma' min, bla ħtija ta' xejn, jintlaqat ħażin bl-effetti ta' Mandat bla ma jkun jista' jagħmel xejn iżjed;

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' din il-fehma u lanqas ma' l-argument tar-rikorrent li, persuna fil-qagħda tiegħu, ma għandha l-ebda rimedju disponibbli għaliha. Sa' minn żmien qabel ma daħal fis-seħħ l-artikolu 836 tal-Kap 12, fl-1995, il-Qrati tagħna kienu għarfu u ipprovdew dwar rimedju ġudizzjarju xieraq fir-rigward;

Illi, umbagħad, fi kwestjoni tal-liġi proċedurali, meta l-leġislatur ikun speċifiku u ċar – bħalma għażel li jkun fil-każ kemm ta' l-artikolu 836 u kif ukoll fl-artikolu 283A dwar Mandati Eżekuttivi – mhux imħolli li ssir tifsira tal-liġi b'analoġija jew estensjoni;
Illi l-fatt li terza persuna tħossha b'xi mod milquta ħażin bil-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju mitlub minn xiħadd kontra ħaddieħor, ma jagħtix il-jedd lill-persuna hekk milquta li tinqeda bir-rimedju maħsub fl-artikolu 836 tal-Kodiċi, li, bir-

rieda espressa tal-leġislatur, tħalla disponibbli biss lil dik il-persuna li kontriha Mandat bħal dak ikun inħareġ;

Illi għalhekk ir-rikors imressaq minn Carmel Briffa huwa irritwali u l-Qorti ma tistax tistħarreġ it-talba tiegħu fis-sura li biha saret;

Illi, għalhekk ukoll, mhux xieraq u f'postu li l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ l-ilmenti tar-rikorrent dwar il-ħarsien tal-prinċipji ta' ħaqq naturali u ta' stħarriġ ta' kawżali li fuqhom bena r-rikors tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent Briffa, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

**Mogħti Kameralment illum, 4 ta' Frar, 2008**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------